# Beati u Qaddisin....Ottubru

## SAN BRUNO

## 6 TA' OTTUBRU



Bruno twieled gewwa Kolon fil-Germanja madwar is-sena 1030 minn familja maghrufa. Kien moghni b'hafna doni materjali li hu kkultiva b'ghaqal kbir meta kien Parigi.

Wara li kien mahtur kanonku ta' Kolon u imbaghad ta' Rheims, huwa kien inkarigat mill-istudji teologici.

Mal-mewt ta' l-isqof, id-djocesi, ghal xi zmien, waqghet f'idejn hziena u Bruno rtira ma xi ftit hbieb fil-kampanja. Fil-kwiet u s-solitudni huwa ddecida li jghaddi hajja ta' penitenza boghod mill-genn tad-dinja. Flimkien ma' sitt kumpanni tieghu huwa talab lil Hugh, isqof ta' Grenoble, biex jaghtih awtorita' halli jkompli jghix il-hajja kontemplattiva. L-isqof iddirigih biex imur gewwa Chartreuse. Hemm ghexu hajja ta' faqar penitenza u silenzju, kulhadd f'cella ghalih, jiltaqghu biss biex jitolbu flimkien u jikkupjaw il-kotba.

U mill-isem tal-lokal fejn kienu jghixu l-ordni ta' San Bruno hadet l-isem tal-Kartusjani.

Sitt snin wara, il-papa Urbanu II sejjah lil Bruno gewwa Ruma biex jitolbu gwida. Hemmhekk Bruno ghex daqs li kieku kien qed jghix fid-dezert. Il-hajja ta' Ruma ddisturbat is-solitudni li fiha xtaq jghix u wara li cahad kull unur li ried jaghtih il-papa fl-ahhar akkwista l-permess biex imur ikompli jghix il-hajja monastika gewwa l-Kalabrija.

Hemm huwa ghex fil-kwiet, u paci, fit-talb u penitenza u anke umilta' sa mal-mewt haditu maghha fis-sena 1101.